MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 14/2002/1

**CITAZZJONI NUMRU 14/2002**

**Anthony Hili**

**-vs-**

**Joseph u Valentina Cauchi**

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur wara li ppremetta illi hu proprjetarju tal-fond bin-numru tmintax (18), Triq Ghejjun, Xaghra, Ghawdex;

Illi l-konvenuti huma proprjetarji tal-fond adjacenti bin-numru 73A, Triq Gorf, Xaghra, Ghawdex;

Illi l-konvenuti huma tenuti li jibnu l-opra morta fil-fond taghhom hawn fuq indikat kull fejn l-istess hija dovuta skond il-ligi;

Illi l-istess konvenuti diversi drabi gew interpellati sabiex jibnu l-opramorta fil-fond taghhom hawn fuq imsemmi, izda dawna dejjem irrifjutaw u ricentament meta huma regghu gew interpellati ghall-istess fini permezz ta' ittra ufficjali tad-19 ta' Frar 2002, huma ssoggettaw il-bini ta' l-istess opramorta ghal diversi kundizzjonijiet u kwistjonijiet ohra, liema mertu taghhom 'ghandu x'jaqsam xejn mal-kaz odjern;

Illi jidher car illi l-istess konvenuti ma jridux jibnu l-istess orpamorta fil-fond taghhom kull fejn l-istess hija dovuta skond il-ligi.

Talab li din l-Onorabbli Qorti:

1. tikkundanna lill-konvenuti sabiex fiz-zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss jibnu l-istess oprmorta kull fejn l-istess ghandha tinbena skond il-ligi fil-fond taghhom bin-numru 73A, Triq ta' Gorf, Xaghra, Ghawdex u dana prevja d-dikjarazzsjoni li l-istess konvenuti hawn tenuti li jibnu l-istess opramorta;

2. f'kaz li l-istess zmien jghaddi inutilment ghaliex l-sitess attur m'ghandux jigi awtorizzat li jaghmel l-istess xoghol huwa taht id-direzzjoni ta' perit nominat ghall-istess fini u ghas-spejjez ta' l-istess konvenuti.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-19 ta' Frar 2002 u dik bonarja tal-1 ta' Frar 2002 u bl-ingunzjoni ta' l-istess konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huma imharka.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur debtiament guramentata u l-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Joseph u Valentina konjugi Cauchi fejn eccepew:

1. illi din ic-citazzjoni saret intempestivament u l-ispejjez taghha ghandhom ghalhekk jigu akkollati interament lill-attur, peress illi l-esponenti qatt ma rrifjutaw illi jibnu l-opramorta kull fejn din hija talvolta rikjesta mil-ligi basta din l-opramorta titkahhal ukoll min-naha ta' l-attur fl-interess tas-solidita' tal-hajt innifsu u sabiex jigu evitati hsarat ghal kulhadd.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut debitament guramentata kif ukoll il-lista tax-xhieda annessa.

Semghet il-konvenut.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Din is-sentenza hi dwar il-kap ta' l-ispejjez.

Billi kif jirrizulta mill-verbal tal-10 ta' Dicembru 2003 l-mertu jinsab ezawrit.

Il-ligi in materja tobbliga lil kull sid ta' fond li ghandu tarag ghall-bejt li jibni l-opramorta. Il-ligi ma timponi ebda obligazzjonijiet fuq il-gar, l-obbligu hu wiehed tassattiv fuq sid il-fond.

Dak li jirrizulta mill-atti hu li l-konvenut ikkonsenta li jibni l-opramorta izda impona xi kundizzjonijiet. Dana fil-fehma tal-Qorti ma setax jesigih u allura jsegwi li l-ispejjez ghandu jbaghtihom hu.

Tiddeciedi ghalhekk illi filwaqt li tiddikjara meritu ezawrit, tikkundanna lill-konvenut l-ispejjez tal-kawza.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb

D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------